



EUIPO

UFFIĊĊJU TAL-PROPRJETÀ INTELLETTWALI
TAL-UNJONI EWROPEA

www.euiipo.europa.eu

RAPPORT TAL-2020 DWAR L-ISTATUS TAL-KSUR TAD-DPI

Għaliex id-Drittijiet tal-PI huma importanti, il-ksur
tad-DPI, u l-ġlieda kontra
l-falsifikazzjoni u l-piraterija

SOMMARJU EŻEKUTTIV

Ġunju 2020

CYBER ATTACK

DOWNLOADING

Injection on
Empty Stomach



Kelmtejn ta' qabel

L-evidenza li l-kriminalità relatata mal-PI mhijiex kriminalità mingħajr vittmi ilha teżisti għal bosta snin u hija msaħħa ulterjorment minn dan l-aħħar Rapport dwar l-Istatus, li jagħmel enfasi fuq uħud mir-riċerki ewlenin imwettqa mill-EUIPO permezz tal-Osservatorju.

Dan ir-rapport jissottolinja l-importanza tad-drittijiet tal-PI għall-ekonomija tal-UE u għalhekk għal kwalunkwe rkupru mill-kriżi tal-COVID-19, li ddominat l-ewwel nofs tal-2020 u li qed thedded li jkollha effetti dejjiema.

Wieħed mill-istudji dwar il-ksur tal-PI, imwettaq mal-Organizzazzjoni tal-Kooperazzjoni Ekonomika u l-Iżvilupp, ikopri l-qasam tal-prodotti farmaċewtiċi foloz, li huwa probabbilment wieħed mill-aktar oqsma ta' attività ta' ffalsifikar kiefra. Dan serva biex jiffa' dawl b'mod aktar ċar fuq it-theddida għall-pubbliku.

Mediċini u ġugarelli tat-tfal falsifikati, u kożmetiċi foloz huma biss ffit mill-oqsma li joħolqu problemi iżda hemm perikli moħbija li japplikaw għall-kriminalità relatata mal-PI kollha, li jmorru lil hinn mill-ispotament ta' impjegji fl-industriji leġittimi u l-ħsara għad-dħul pubbliku.

Il-perċezzjoni tal-kriminali dwar il-kriminalità relatata mal-PI hija li din l-attività hija ta' riskju relattivament baxx li tintuża biex tappoġġja tipi oħra ta' kriminalità organizzata. Rapport konġunt mal-Europol jippreżenta studji tal-każijiet li juru l-assoċjazzjoni mal-ħasil tal-flus, il-frodi ta' dokumenti, iċ-ċiberkriminalità, il-frodi finanzjarji, il-produzzjoni u t-traffikar ta' drogi.

Huwa dejjem aktar ċar li l-ħsara għas-saħħa u s-sigurtà tal-konsumaturi u għall-ambjent kif ukoll ir-relazzjoni bejn il-kriminalità relatata mal-PI u tipi oħra ta' kriminalità teħtieġ azzjoni internazzjonali urġenti u kkoordinata.

Is-soċjetà kollha kemm hi hija vittma tal-kriminalità relatata mal-PI u dan ir-rapport juri, għal darb'oħra, il-ħtieġa li l-infurzar tal-PI jerġa' jkun waħda mill-prijoritajiet tal-UE fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata.



Christian Archambeau

Direttur Eżekuttiv, EUIPO

Sommarju eżekuttiv

Dan ir-rapport jiġbor flimkien is-sejbiet tar-riċerka mwettqa f'dawn l-aħħar snin mill-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO), permezz tal-Osservatorju Ewropew dwar il-Ksur tad-Drittijiet tal-Proprietà Intellettwali (Osservatorju), dwar il-firxa, il-kamp ta' applikazzjoni u l-konsegwenzi — kemm ekonomiċi, kif ukoll dawk mhux ekonomiċi — tal-ksur tad-Dritt tal-Proprietà Intellettwali (DPI) fl-UE. L-evidenza dwar il-valur ekonomiku tad-DPI fl-ekonomija tal-UE, il-punt sa fejn dan il-valur jiġi sfruttat, il-mekkaniżmi ta' ksur li jintużaw biex jiġi kopert dak il-valur u l-azzjonijiet li qed jittieħdu b'reazzjoni għal dawn l-isfidi huma deskritti u diskussi. Il-parteċipazzjoni ta' gruppi tal-kriminalità organizzata (OCG), ibbażata fuq każijiet investigati mill-Europol (l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi), hija wkoll enfasizzata.

Fi studju li twettaq bi sħubija mal-Uffiċċju Ewropew tal-Privattivi (UEP) fl-2019, l-EUIPO sab li l-kontribuzzjoni totali tal-industriji li jagħmlu użu intensiv mid-DPI għall-ekonomija tal-UE tammonta għal madwar 45 % tal-prodott domestiku gross (PDG) u 29 % tal-impjiegi (flimkien ma' 10 % oħra ġġenerati f'setturi li jfornu oġġetti u servizzi lill-industriji li jagħmlu użu intensiv mid-DPI). Dawk is-setturi jammontaw għall-parti l-kbira tal-kummerċ tal-UE mal-bqija tad-dinja, u jiġġeneraw 96 % tal-esportazzjonijiet tal-merkanzija mill-UE. Dawn iħallsu lill-ħaddiema tagħhom salarji 47 % oġhla minn setturi oħra. L-industriji li jagħmlu użu intensiv mid-DPI jidhru wkoll li ssuperaw il-kriżi finanzjarja aħjar mill-bqija tal-ekonomija, kif indikat mill-proporzjon ta' impjiegi u PDG akbar tagħhom meta mqabbel mal-istudju preċedenti tal-2016. Fuq il-livell individwali ta' ditta, studju ppubblikat fl-2019, f'kooperazzjoni mal-EPO ukoll, dwar l-intrapriżi żgħira u ta' daqs medju (SME) li qed jikbru b'rata mgħaġġla, wera li l-SMEs li jużaw id-DPI kellhom aktar probabbiltà li jiksibu tkabbir fis-snin sussegwenti minn kumpaniji oħra.

Minħabba l-valur għoli assoċjat mad-DPI, il-ksur ta' dawk id-drittijiet huwa attività kriminali li tħalli l-qligħ b'livell ta' riskju relattivament baxx f'termini ta' probabbiltà ta' skoperta u kkastigar f'każ ta' sejbien. L-OCGs huma involuti sew fil-falsifikazzjoni u l-piraterija, u l-kriminalità relatata mal-PI spiss tkun ikkombinata ma' tipi oħra ta' kriminalità bħall-ħasil tal-flus, it-traffikar ta' bnedmin u xi kultant xogħol forzat, kif iddokumentat f'żewġ rapporti konġunti tal-Europol-EUIPO, il-*Valutazzjoni tat-Theddida tal-Kriminalità relatata mal-PI, 2019* (li saħansitra rrapporta każ wieħed fl-UE b'rabtiet ma' organizzazzjoni terroristika) u r-rapport dwar il-polikriminalità ppubblikat f'Ġunju tal-2020. Il-modus operandi tal-OCGs qed isir dejjem aktar kumpless hekk kif il-mezzi tat-teknoloġija u d-distribuzzjoni qed jevolvu id fid mal-firxa ta' prodotti li jiġu ffalsifikati.

Il-mudelli kummerċjali adottati minn dawk li jiffalsifikaw jagħmlu użu sinifikanti mill-internet biex iqassmu l-prodotti tagħhom u jipromwovu d-distribuzzjoni u l-konsum ta' kontenut diġitali illegali.

Skont studju li twettaq mill-EUIPO u l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD) fl-2019, l-istimi tal-ksur tad-DPI fil-kummerċ internazzjonali fl-2016, jistgħu jilhqnu madwar 3.3 % tal-kummerċ dinji. Sa 6.8 % tal-importazzjonijiet tal-UE, jew EUR 121 biljun fis-sena, huma oġġetti foloz. Iż-żewġ settijiet ta' ċifri huma ferm oġhla minn dawk misjuba fl-edizzjoni ppubblikata qabel minn żewġ organizzazzjonijiet fl-2016, li jindikaw li l-problema saret saħansitra aktar serja f'dawn l-aħħar snin.

F'serje ta' studji settorjali, l-EUIPO għamel stima ta' bejgħ mitluf fi 11-il settur fl-UE (direttament fl-industriji li qegħdin jiġu analizzati u tul il-katina tal-provvista assoċjata tagħhom), bħala riżultat tal-falsifikazzjoni. Dan it-telf kien jammonta għal aktar minn EUR 83 biljun fis-sena matul il-perjodu 2013-

2017. Barra minn hekk, aktar minn 671 000 impjeg f'negozji leġittimi ntilfu, u l-Istati Membri tilfu EUR 15-il biljun fis-sena fi dħul mit-taxxa.

Gravi kemm huma gravi dawn id-danni ekonomiċi, il-ħsara kkawżata lis-saħħa pubblika, lis-sikurezza tal-konsumatur u l-ambjent bħala riżultat ta' oġġetti ffalsifikati hija x'aktarx konsegwenza saħansitra aktar serja. F'Marzu tal-2020, l-EUIPO u l-OECD ippubblikaw studju konġunt dwar mediċini ffalsifikati, li juri li mhux biss mediċini relatati "mal-istil ta' ħajja" iżda wkoll mediċini biex jiġi kkurat mard serju, inklużi antibijotiċi, terapiji tal-kanċer jew medikazzjonijiet għall-mard tal-qalb, huma wkoll soġġetti għal iffalsifikar, li jirriżultaw f'konsegwenzi potenzjalment fatali għall-pazjenti li jikkonsmaw daww il-mediċini. Wara li faqqgħet il-pandemija tal-COVID-19 lejn l-aħħar tal-2019 u t-tixrid sussegwenti tagħha madwar id-dinja, il-falsifikaturi dawru l-attenzjoni tagħhom fuq il-produzzjoni ta' kits għall-ittejtjar foloz, tagħmir protettiv personal ffalsifikat u, anke qabel ma l-kuri ġew approvati mill-awtoritajiet, mediċini foloz li allegatament ifejqu l-marda (1).

Permezz tal-analiżi tad-*data* mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq (MSA) madwar l-UE, l-EUIPO ddokumenta ulterjorment il-perikli għas-saħħa u s-sikurezza tal-konsumaturi li jirriżultaw minn oġġetti ffalsifikati bħal ġugarelli, ħwejjeġ, apparat elettriku u oġġetti tal-konsum komuni oħrajn. Il-perikli kienu jinkludu esponiment għal kimiċi u tossini perikolużi li jistgħu jikkawżaw ħsara akuta jew fit-tul lis-saħħa, soffokament, xokk elettriku, nirien u diversi tipi ta' korrimenti. Xi tipi ta' oġġetti ffalsifikati, bħal pestiċidi foloz, jistgħu jikkawżaw ħsara kemm lill-bdiewa li japplikawhom fuq l-għeļlejjel tagħhom kif ukoll lill-konsumaturi li jikkonsmaw il-prodotti li jirriżultaw.

Minbarra l-analiżi tal-provvista ta' oġġetti ffalsifikati u kontenut piratat, l-EUIPO studja wkoll in-naħa tad-domanda, jiġifieri, l-attitudni taċ-ċittadini tal-UE fir-rigward tad-DPI u r-rieda tagħhom li jikkonsmaw oġġetti u servizzi li jiksru d-DPI. L-inċentivi għall-konsumaturi biex jixtru oġġetti ffalsifikati u biex jaċċessaw kontenut protett mid-drittijiet tal-awtur illegalment jinkludu prezzijiet aktar baxxi, aċċessibbiltà faċli u livell baxx ta' stigma soċjali assoċjata ma' tali attivitajiet. Fokus partikolari huwa fuq iż-żgħażaġh u, fl-2019, ġiet ippubblikata Tabella ta' Valutazzjoni tal-PI u ż-Żgħażaġħ aġġornata li turi li, meta mqabbel mal-edizzjoni preċedenti fl-2016, iż-żgħażaġh fl-UE huma inqas probabbli li jikkonsmaw kontenut diġitali piratat iżda ftit aktar probabbli li jixtru oġġetti ffalsifikati.

B'rispons għal dawn l-iżviluppi, l-EUIPO, flimkien mal-imsieħba pubbliċi u privati, qiegħed iwettaq u jappoġġja għadd ta' azzjonijiet biex jilqa' għal dawn l-isfidi. Dawn l-azzjonijiet jinkludu li d-detenturi tad-drittijiet jingħataw informazzjoni dwar ix-xenarju tal-ksur dejjem jinbidel; li jkun hemm ħidma flimkien mal-Europol dwar reazzjonijiet usa' għall-kriminalità relatata mal-PI, anke permezz ta' parteċipazzjoni fil-finanzjament ta' unità speċjalizzata fil-kriminalità relatata mal-PI fl-Europol; li tingħata għajjnuna biex jitħarrġu infurzaturi madwar l-UE f'kooperazzjoni mas-CEPOL (l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi) u l-Eurojust (l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali); li jkun hemm appoġġ għall-isforzi tal-Kummissjoni Ewropea biex tindirizza l-provvista ta' oġġetti ffalsifikati f'pajjiżi terzi. Il-Portal tal-Infurzar tal-PI jipprovdi pjattaforma unika biex id-detenturi tad-drittijiet u l-infurzaturi jaqsmu informazzjoni b'mod sigur, biex tingħabar *data* dwar l-infurzar għal analiżi ulterjuri, u biex tingħata informazzjoni dwar ksur ta' partijiet terzi u dwar l-attivitajiet tal-Kummissjoni Ewropea fil-qasam tal-kriminalità relatata mal-PI. L-EUIPO ta bidu wkoll għal linji ta' azzjoni dwar teknoloġiji ġodda li jistgħu jkollhom rwol sinifikanti biex jgħinu fil-ġlieda kontra l-ksur, u għal ħidma ma' intermedjarji bħalma huma s-swieq tal-kummerċ elettroniku biex tittejjeb il-protezzjoni tal-PI fl-ambjent online.

(1) Il-Europol qed tissorvelja s-sitwazzjoni u ppubblikat rapport intitolat "*Viral Marketing - Counterfeits, substandard goods and intellectual property crime in the COVID-19 pandemic*" ([Kummerċjalizzazzjoni Virali — Oġġetti Ffalsifikati, oġġetti inferjuri u kriminalità relatata mal-proprjetà intellettuali waqt il-pandemija tal-COVID-19](https://www.europol.europa.eu/sites/default/files/documents/report_covid_19_-_viral_marketing_counterfeits.pdf)) f'April tal-2020. Disponibbli fuq:

https://www.europol.europa.eu/sites/default/files/documents/report_covid_19_-_viral_marketing_counterfeits.pdf.

Min-naħa tal-infurzar, l-operazzjonijiet ta' infurzar tal-UE, kif ukoll dawk fuq skala globali, huma kkoordinati mill-Europol, l-OLAF (Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi) u l-INTERPOL, u l-operazzjonijiet jitwettqu minn awtoritajiet tal-infurzar fi Stati Membri individwali.

L-attivitajiet tal-infurzar huma maħsuba primarjament biex inaqqsu l-provvista ta' oġġetti u servizzi li jiksru l-PI. In-naħa l-oħra tal-munita hija n-naħa tad-domanda. L-EUIPO, b'ħidma mal-Istati Membri u l-imsieħba tas-soċjetà ċivili u privati, ifittex li jżid l-għarfien fost iċ-ċittadini dwar l-importanza tal-PI u l-ħtieġa li din tiġi rrispettata, permezz ta' numru ta' mezzi:

- il-linja ta' azzjoni tal-“PI fl-Edukazzjoni”, iddisinjata biex tintegra l-PI fil-kurrikula tal-iskejjel fil-livelli kollha;
- l-attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni b'ħalma huma l-inizjattiva Ideas Powered jew kampanji fil-midja, b'ħal dik flimkien mal-ħruġ ta' dan ir-rapport, b'enfasi fuq l-edukazzjoni tal-konsumaturi dwar il-perikli ta' oġġetti ffalsifikati;
- il-forniment ta' informazzjoni lill-konsumaturi dwar id-disponibbiltà ta' kontenut diġitali aċċessibbli legalment permezz tal-portal *agorateka*;
- il-programm AUTHENTICITY, it-tiswir ta' network ta' bliet Ewropej determinati li jippromwovu s-sensibilizzazzjoni dwar l-importanza tal-protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali.



RAPPORT TAL-2020 DWAR L-ISTATUS
TAL-KSUR TAD-DPI
Għaliex id-Drittijiet tal-PI huma importanti, il-
ksur tad-DPI, u l-ġlieda kontra l-
falsifikazzjoni u l-piraterija